MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1630/1997/1

***Santex Limited***
***vs***
***Alfred Calleja***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn hames mija u disgha u erbghin lira maltin u tmienja u ghoxrin [Lm2,549.28] bilanc ta' somma akbar prezz ta' merci konsistenti f' tessuti lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici; illi l-konvenut nonostante l-fatt li gie diversi drabi interpellat ihallas naqas;
Talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandhux minn din il-Qorti:
1. Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u disgha u erbghin lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu [Lm2,549.28] fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Jannar 1995 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1994, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa:
1. Illi l-azzjoni odjerni hija intempestiva billi l-eccepient kien baqa' jixtri l-materjal minghand is-socjeta' attrici u jeffettwa pagamenti minn zmien ghall-iehor akkont ta' l-ammont bilancjali minnu dovut;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova rikjesta dwar l-ammont bilancjali realment dovut lilha;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhuwiex dovut l-imghax pretiz skond ic-citazzjoni odjerna. – Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta' attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-pagament tas-somma ta' Lm2,549.28 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut li mieghu s-socjeta' kellha relazzjoni ta' negozju fiz-zmien bejn Settembru tas-sena 1989 u Ottubru tas-sena 1992.

Illi in sostenn tal-pretensjoni taghha s-socjeta' attrici pprezentat prospett[1], munit bl-invoices relattivi, indikanti l-ammonti mhallsa mill-konvenut kif ukoll dak li ghadu dovut. Dan il-prospett juri bilanc globali ta' Lm2,449.28, wara li tnaqset is-somma ta' Lm100 mhallsa mill-konvenut fil-mori tal-proceduri.

Illi dan il-prospett gie esaminat mill-konvenut li ilmenta li huwa kien ghamel zewg pagamenti li skond hu ma jinsabux indikati fil-prospett: il-pagament ta' Lm1,000

[1] Fol.23 *et seq.*

maghmul fis-26 ta' Awissu 1991 u dak ta' Lm2,015 maghmul fil-21 ta' Ottubru 1991, u ppresenta r-ricevuti rispettivi bin-numri 1276A u 1406A[2]

Illi inoltre rrileva xi zbalji fid-dati [sena] ta' erba invoices presentati, li pero' ma jirrizultax li jaffettwaw l-ammont mitluba.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut sostna li huwa ma kien ghad fadallu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante li kien rritorna l-merkanzija lura peress li skond hu ma kienx fiha qligh bizzejjed, izda in sostenn ta' din l-allegazzjoni ta' fatt, il-konvenut ma gab ebda prova ohra ghajr ix-xhieda tieghu.

Illi wara l-prezentata tar-ricevuti fuq indikati, s-socjeta' attrici prezentat nota ta' riduzzjoni ulterjuri, stante li rrizulta li l-ammont ta' Lm2,015 gie erroneament indikat fil-prospett bhala Lm1,015. Rigward il-pagament l-iehor ta' Lm1,000, mill-provi jirrizulta li dana kien tnizzel korrettement u debitament fl-imsemmi prospett, nonostante l-allegazzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant skond is-socjeta' attrici l-ammont bilancjali dovut sallum huwa ta' Lm1,449.28.[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-konvenut qed jopponi ghat-talbiet attrici bi tlett eccezzjonijiet: 1. L-intempestivita' tal-azzjoni peress li l-eccepient baqa' jixtri minghand is-socjeta' u jaffettwa pagamenti okkazzjonali; 2. Li l-ammont bilancjali realment dovut ghandu jigi pprovat; 3. Li l-imghax pretiz skond ic-citazzjoni mhux dovut.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tosserva li, din mhix sostnuta mill-provi li juru li r-rapporti kummercjali bejn il-kontendenti waqqfu f' Ottubru tas-sena 1992 u cioe' hames snin qabel il-prezentata tac-citazzjoni fl-14 ta' Lulju 1997. Inoltre, il-konvenut fin-nota tieghu ddikjara li mhux qed jinsisti dwar din l-eccezzjoni.

---
[2] Doki.AC1 u AC2 – Fols.183 u 184
[3] Nota ta' riduzzjoni Fol.199

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, dik relattiva ghall-prova tal-bilanc realment dovut, il-Qorti tosserva li s-socjeta' attrici ressqet provi sodisfacenti in sostenn tas-somma pretiza minnha kif ridotta. Hija pprezentat prospett guramentat dettaljat munit bl-invoices relattivi, li ghalkemm kien fih xi inesatezzi dwar id-dati f' erba invoices, m' ghandux jigi skartat bhala inkorrett u inaffidabbli; *multo magis* meta dawn l-izbalji ma jirreferux ghall-ammonti indikati fl-invoices u inoltre meta jigi kkunsidrat li dawn kienu jerreferu biss ghal erba invoices minn mija u tmientax il-wahda.

Illi inoltre, il-konvenut, wara li ezamina dan il-prospett u d-dokumenti esebiti mieghu, rrileva zball wiehed biss kif fuq indikat, u cioe' li pagament gie indikat b' ammont inferjuri ghal Lm1,000; liema zball gie ammess mill-attrici li ghamlet id-debita riduzzjoni. Del resto ma sab xejn x' jiccensura.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut sostna li huwa kien rritorna merkanzija lura. In propositu l-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li fin-nota tieghu l-konvenut ma semma xejn dwar din l-allegazzjoni, huwa ma gabx provi in sostenn ta' dan il-fatt minnu allegat, u ghalhekk fuq l-istregwa tal-massima legali *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *quod gratis asseritur gratis negatur*, dan l-allegat fatt ma jistax jitqies bhala sodisfacentement provat.

Illi rigward t-tielet eccezzjoni, jigi osservat li ma hemm ebda dubbju li d-dejn pretiz huwa ta' natura kummercjali in vista tar-rapport ta' negozju esistenti f' dak iz-zmien bejn il-kontendenti f' liema rapport isib l-origini tieghu d-dejn pretiz, u tenut kont li dawn ir-rapporti kummecjali twaqqfu f' Ottubru 1992[4] it-talba attrici ghall-hlas tal-imghax legali mid-data ta' 1 ta' Jannar 1994 hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, liema imghax huwa dekorribbli fuq s-somma kif indikata fil-prospett f' dak il-perijodu nieqes l-ammont ta' Lm1,000; u tenut kont tal-pagamenti li saru sussegwenti.

[4] Prosepett Fol.209 – A118 Fol.148

Illi rigward l-isepjjez gudizzjarji, il-Qorti taqbel mal-konvenut li, l-fatt li l-ammont pretiz mis-socejta' attrici huwa superjuri ghal dak li realment kien dovut lilha, u li dan kien dovut ghal zball fil-prospett minnha prezentat u li seta' jigi identifikat qabel l-istituzzjoni tal-proceduri odjerni, dan il-fatt jimmerita temperament proporzjonali fl-ispejjez.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u previa akkoljiment in parte tat-tieni u tat-tielet eccezzjoni, tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont *ta' elf erba mija u disa u erbghin lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu [Lm1,449.28]*, bl-imghax kif mitlub u kif fuq indikat. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------